

Brussell, 25 ta' Frar 2025
(OR. en)

6541/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0042(NLE)

ECOFIN 204
UEM 72
FIN 236

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Frar 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 71 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10161/21 INIT; ST 10161/21 ADD1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Belġju

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 71 final.

Mehmuż: COM(2025) 71 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.2.2025
COM(2025) 71 final

2025/0042 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10161/21 INIT; ST 10161/21 ADD1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Belġju

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10161/21 INIT; ST 10161/21 ADD1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Belġju

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") mill-Belġju fit-30 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021². Dik is-CID ġiet emendata fit-8 ta' Diċembru 2023³, fl-10 ta' Diċembru 2024⁴ u fil-11 ta' Frar 2025⁵.
- (2) Fl-20 ta' Frar 2025, il-Belġju għamel talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista' jinkiseb għalkollox minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, il-Belġju ppreżenta RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP li ressaq il-Belġju minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw miżura waħda.
- (4) Il-Belġju spjegat li miżura minnhom ġiet emendata biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Dan jikkonċerna l-oġġettiv intermedju 157 tal-miżura BE-C[C44]-R[R-407] Tmiem il-karriera u pensjonijiet tal-Istat Federali (R-4.07) taħt il-komponent BE-C[C44]. Abbażi ta' dan, il-Belġju talab li jestendi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-oġġettiv intermedju 157 u

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

² ST 10161/21 INIT; ST 10161/21 ADD 1.

³ ST 15570/23 INIT; ST 15570/23 ADD 1.

⁴ ST 15974/24 INIT; ST 15974/24 ADD 1.

⁵ ST 5654/25 INIT.

jemenda d-deskrizzjoni tal-oġġettiv intermedju 157 biex jissostitwixxi l-preżentazzjoni tal-proposta lill-Kunsill tal-Ministri għall-approvazzjoni bl-adozzjoni tal-proposta mill-Kunsill tal-Ministri. Id-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (5) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mill-Belġju jiġġustifikaw l-emenda/i skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, u d-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Distribuzzjoni tal-oġġettivi intermedji u tal-miri

- (6) Id-distribuzzjoni tal-oġġettivi intermedji u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi modifikata biex tqis l-emendi għall-pjan u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Belġju.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (7) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (8) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi li ppreżenta l-Belġju ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (ST 10161/21, ST 15570 2023 INIT) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP tal-Belġju rigward ir-rilevanza, l-effikaċja, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d),(da), (db), (e), (f), (g), (h), (i), (j) u (k). Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-oġġettivi intermedji 250 u 251 fi ħdan il-komponent tal-awditu u l-kontroll tal-Anness.

Valutazzjoni pożittiva

- (9) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-oġġettivi intermedji, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (10) Il-kostijiet totali tal-RRP emendat tal-Belġju jammontaw għal EUR 5 279 567 854. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat huwa oġġettivament mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Belġju, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikoli 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, l-Artikolu 20(4) u 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-Belġju l-RRP emendat jenħtieġ li tkun uguali għal EUR 5 033 950 235. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Belġju tibqa' l-istess.

Għoti ta' self

- (11) L-appoġġ b'self li sar disponibbli għall-Belġju li jammonta għal EUR 244 200 000 jibqa' l-istess.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

- (12) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (ST 10161/21 INIT; ST 10161/21 ADD 1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Belġju jenħtieġ li tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Belġju hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat tal-Belġju abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-oġettivi intermedji u l-miri rilevanti relatati mal-pagament ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura, u l-oġettivi intermedji u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-oġettivi intermedji u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti l-aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) L-Anness huwa sostitwit bit-test tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2 *Destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President